# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA** **RELIĠJON** **Ħin: Siegħa u nofs**

Isem: ______________________________ Klassi: ______________

## Taqsima A **(30 marka)**

**Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet.** **(2 marki kull waħda)**

1. Skond il-Buddiżmu x'inhi n-Nirvana?

_______________________________________________

2. Spjega x'kien ix-xogħol ta' l-Ispirtu s-Santu fil-formazzjoni tal-Kotba Mqaddsa.

_______________________________________________

_______________________________________________

3. X'kien id-dnub ta' Adam u Eva: ta' serq, ta' diżubbidjenza jew ta' kelma b'oħra?

_______________________________________________

4. Qiegħed fl-ordni taż-żmien: David, Ġesù Kristu, Abraham, Salamun, Isaija, Mosé.

_______________________________________________

5. Fil-Ġenesi naqraw li d-dnub iġib tliet firdiet. Liema huma?

   a. ______________________________________

   b. ______________________________________

   ċ. ______________________________________

6. "Ħabib, dnubietek maħfura" (Luqa 5,20). Għaliex il-Kittieba u l-Fariżej stagħġbu b'dan il-kliem ta' Ġesù?

_______________________________________________

7. Semmi żewġ tixbihat li magħhom Ġesù xebbaħ il-Knisja tiegħu.

   a. ______________________________________

   b. ______________________________________

8. X'ħidma speċjali ta Ġesù lil Pietru bil-kliem: "Int Pietru u fuq din il-blata jiena nibni l-Knisja tiegħi"?

_______________________________________________

9. Kif twieġeb lil min jgħid, "Kristu iva imma l-Knisja le"?

_______________________________________________

_______________________________________________

10. Immarka b'salib it-tweġiba t-tajba. L-Ekumeniżmu huwa:
   a. il-moviment għall-ħidma għall-paċi fid-dinja. ☐
   b. il-moviment għall-għaqda fost l-Insara. ☐
   ċ. il-moviment għall-volontarjat fil-Knisja. ☐

11. Żakkew biddel ħajtu wara l-laqgħa li kellu ma' Ġesù. X'għamel biex juri li nidem tassew?

_______________________________________________

12. Għaliex is-Sagrament tal-Qrar jissejjaħ ukoll is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni?

_______________________________________________

13. Ġesù spiss kien jitkellem dwar "is-siegħa tiegħi". Għal liema ġrajja kien qed jirriferi Ġesù b'dan il-kliem?

_______________________________________________

14. Qiegħed dawn il-kelmiet fl-ordni kif insibuhom fil-Quddiesa: Konsagrazzjoni, Missierna, Salm Responsorjali, Vanġelu, Tqarbin, Ħaruf t'Alla.

_______________________________________________

_______________________________________________

15. Kif jista' n-Nisrani jagħti sehmu fil-ħajja politika tal-pajjiż?

_______________________________________________

_______________________________________________

## Taqsima B

**Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.** **(30 marka)**

Waqt li Mosè kien qed jirgħa l-merħla, ra dehra ta' l-għollieq jaqbad bin-nar bla ma jintemm. U hu qal: "Ħa nersaq u nara din id-dehra tal-għaġeb." Il-Mulej rah riesaq biex jara u sejjaħlu minn qalb l-għollieq u qallu, "Mosè, Mosè." U Mosè wieġeb, "Hawn jien!" Il-Mulej qallu, "La tersaqx 'l hawn. Neħħi l-qorq minn riġlejk għax il-post li inti fuqu hu art qaddisa."

Mosè għatta wiċċu għax beża' jħares lejn Alla. U l-Mulej qallu, "Jien ħarist u rajt it-tbatija tal-poplu tiegħi fl-Eġittu u jien smajt il-karba tagħhom minħabba l-argużini tagħhom. Jien għaraft l-uġigħ tagħhom."

**Wieġeb**

1. Minn liema Ktieb tal-Bibbja hija meħuda din is-silta?

_______________________________________________ (2 marki)

2. Xi tfisser il-kelma 'Mosè'?

_______________________________________________ (2 marki)

3. Fejn trabba Mosè u għaliex taħseb li Alla ppermetta li Mosé jkollu trobbija differenti minn ħutu l-Lhud?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2, 2 marki)

4. Xi tfisser il-kelma 'Jahweh'?

______________________________________________________________________ (2 marki)

5. Taħseb li kienet ħaġa ħafifa għal Mosè biex jaċċetta dak li ried Alla minnu u għaliex?

______________________________________________________________________ (2 marki)

6. Semmi żewġ diffikultajiet li ltaqa' magħhom Mosè waqt li kien qed imexxi l-poplu Lhudi lejn l-Art Imwiegħda?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2, 2 marki)

7. Għaliex il-poplu Lhudi beda jħares lejn Alla bħala s-salvatur tiegħu?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

8. X'jissejjaħ il-ħruġ tal-poplu Lhudi mill-jasar ta' l-Eġittu?

______________________________________________________________________ (2 marki)

9. Kemm dam il-vjaġġ tal-poplu Lhudi lejn l-Art Imwiegħda?

______________________________________________________________________ (2 marki)

10. X'kien jisimha l-Art Imwiegħda?

______________________________________________________________________ (2 marki)

11. Taħt liema mexxej daħal il-poplu Lhudi fl-Art Imwiegħda?

______________________________________________________________________ (2 marki)

12. X'insejħulha l-forma letterarja li biha nkiteb dan il-ktieb?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (4 marki)

## Taqsima Ċ

**Wieġeb fit-tul għal <u>TNEJN</u> minn dawn l-erba' mistoqsijiet fuq karta separata.** **(40 marka)**

1. **"U smajtu l-ħoss tal-Mulej Alla jitlajja fil-ġnien għaż-żiffa tal-jum u nħbejtu"**
   a. Irrakkonta l-ġrajja ta' l-ewwel dnub u uri kif l-awtur jurina li bid-dnub ninfirdu minn Alla u minn xulxin. (6 + 2 + 2 = 10 marki)
   b. Agħżel wieħed mill-kmandamenti u ikteb kif dan il-kmandament iħares l-ordni bejn il-bnedmin. (6 marki)
   ċ. X'kienet il-wegħda li Alla għamel biex igħin lill-bniedem jerġa' jingħaqad miegħu? (4 marki)

2. **L-Eżodu: Mixja lejn il-libertà.**
   a. Ikteb dwar żewġ ġrajjiet kif Alla għen lill-poplu Lhudi matul il-mixja tiegħu lejn Kangħan. (4 x 2 marki)
   b. Irrakkonta kif seħħ il-Patt bejn Alla u l-poplu Lhudi fuq is-Sinaj. (6 marki)
   ċ. F'liema sens nistgħu ngħidu li l-Kmandamenti t'Alla jagħtuna l-vera libertà? (6 marki)

3. **Ġesù Kristu hu veru Alla u veru Bniedem.**
   a. Irrakkonta **żewġ** sinjali li għamel Ġesù biex juri li Hu kien Alla. (2 x 4 marki)
   b. Ġesù kien bniedem bħalna. Irrakkonta **żewġ** ġrajjiet mill-Evanġelju fejn Ġesù wera s-sentimenti tiegħu ta' bniedem. (2 x 4 marki)
   ċ. Minn dak li tgħallimt din is-sena, x'qiegħed jitlob minnek Ġesù? (4 marki)

4. **L-indiema ġġib bidla f'ħajjitna.**
   a. Irrakkonta fi kliemek il-laqgħa ta' Ġesù mal-mara li nqabdet f'adulterju. (8 marki)
   b. Ġesù lil din il-mara x'qalilha tagħmel? (2 marki)
   ċ. X'għandna nagħmlu aħna biex is-Sagrament tal-Qrar iħalli frott fina?
   Agħżel 5 punti u ikteb fuqhom. (5 x 2 marki)